# L-Iskola f'Villa Le Fevre

Amanda Busuttil

Niftakar li kien Jannar minn dak it-tip li jimliek bis-seqi. Kont noħroġ għax-xogħol miksi b'saff wara ieħor ta' ħwejjeġ, qisni l-babaw. Bħas-soltu, dħalt il-knisja nagħmel viżta qasira u ngħid Ave Maria quddiem il-Lunzjata. Barra fil-misraħ, nies iħufu solitarji b'rashom miksija skufji u sufijiet. Kienu s-sebgħa u kwart ta'filgħodu.

Għamilt reverenza u ħriġt mill-knisja, inżilt it-taraġ u sellimt lill-bejjiegħ tal-ħaxix, imreżżaħ fil-bard waħdu, fid-dalma tal-pjazza. Għaddejt nixtri l-*markers*, sabiex ikolli biex nikteb, jien u ngħallem lill-istudenti tal-iskola Maria Goretti. Poġġejthom fil-bagalja u tlaqt.

Jien u nħaffef il-pass biex ngħaddi minn Triq Brittanika, nara tifel ta'xi tmien snin, imċerċer, nofsu mlibbes, nofsu żarmat. Kien liebes żarbuna waħda mimlija trab bil-lazz maħlul u twil ikaxkar warajh, qmis tas-sajf bl-irqajja' bil-buttuna nieqsa u qalziet qasir imdennes.

Dehra bħal dik, (meta kieku tista', tara kif tagħmel u tlibbes ukoll l-imnieħer) ma setgħetx ma ġġiblix ħasra. Xena bħal dik setgħet tgħid ħafna fuq dak it-tifel. Forsi libes waħdu, għax jgħix ma' xi nanna marradija u kien tard għall-iskola. U dwar ħwejġu, x'aktarx ma sabx, biex spiċċa libes qmis sajfija. Bqajt inħares lejh, imma dlonk ħaffift il-pass, dejjem bil-ħsieb f'rasi li tilħaq iddoqq il-qanpiena tal-iskola.

Imma arrali għax kelli nieqaf. Dan it-tifel baqa' miexi warajja u jsejjaħli "Sir." Indunajt li kien imbikkem. Meta ġie qribi u wiċċu stajt narah aħjar, kellu girfa mibruxa b'demm għadu jleqq.

Sadanittant, fejn saqajja nġabru l-qtates tal-post. Dan it-tifel tbaxxa biex imellsilhom rashom. Il-qtates dehru li jafuh u ma beżgħu xejn minnu, kif kienu jibżgħu meta kienu jisimgħu l-passi tiegħi ta' kull filgħodu, minn kemm kont ilni ngħaddi minn hemm.

B'għajnejh f'għajnejja ried jurini li waqqafni biex jgħidli xi ħaġa importanti. Kif kienet bixritu, jien stajt nissopponi li qabdu miegħu u sawtuh għax sabuh żgħir u ġie jitlob il-protezzjoni.

Moħħi kien nofsu fil-qanpiena li daqt iddoqq u n-nofs l-ieħor fuq dan it-tifel. Qabadli l-komma tal-ġlekk u beda jġebbidni lejn direzzjoni opposta mill-iskola. Ma nafx niddeskrivi eżatt x'ħassejt, però naf żgur li saqajja u qalbi riedu jsegwu l-kmand tiegħu.

Baqa' jmexxini u waqt dan il-frattemp beda jgħidli kemm jogħġbuh il-qtates. Qalli li hemm kurżitajiet kbar dwar il-karattri tagħhom. Daħħalni fi sqaq u rsaqna qrib dar li dehret fqira wisq. Instemgħet mara tibki u tolfoq wara antiporta b'żebgħa mqaxxra.

"Qed taraha, Sir, lil dik il-mara? Dik ommi," qalli b'wiċċ li jġiblek ħniena.

Wara ftit irrealizzajt għala bixritu kienet kif rajtha jien. Dak it-tifel, qabel imur l-iskola, kien imur jaqbeż għal ommu u kien jaqla' x-xebgħa hu mingħand missieru.

Qalli li issa aħjar immorru l-iskola. Kont imfixkel; lanqas intbaħt li kien sar wisq ħin u kont ser nidħol ix-xogħol tard. Ħadd ma qal nofs ta' kelma, sakemm it-tifel reġa' ġibidni u qalli li sejjer f'direzzjoni ħażina u li dik ma kinitx it-triq tal-iskola.

Baqa' jinsisti li minn fejn se jgħaddini hu kienet id-direzzjoni t-tajba u t-toroq kienu jinfdu. Ħallejt f'idejh, mingħalija sejrin il-Primarja, biswit Maria Goretti u mmorru għal xogħolna fis-sliem. Kull triq li għaddejna minnha, madwarna bdew jiġu diversi qtates u mxew quddiemna u warajna, sakemm wasalna quddiem Villa Le Fevre. Għalija dik id-dar Barokka ma kienet xejn għajr bini storiku li minn dejjem kont ngħożż ġo Ħal Tarxien.

Ġibidli jdejja u dħalna ġewwa. Il-bieb kien imbexxaq. Fuq l-arloġġ tiegħi rajthom għadhom se jdoqqu t-tmienja u dak il-ħin ħsibt li kien waqafli l-arloġġ. Lanqas kien ilu wisq minn mindu bdiltlu l-batterija.

"Iġbor liċ-ċkejknin għat-talba, Sur Grech," qalli raġel twil bil-mustaċċi mibrumin.

"Skont il-polka tiegħi, daqt iddoqq tal-Angelus," reġa' qalli.

Dakinhar għamilt il-ġurnata tiegħi hemm, f'dik l-iskola f'Villa Le Fevre. Mort lura fis-seklu 18 ... Kinitx maġija ma nafx ngħidilkom, imma nħossni żgur li għext ġo dak il-bini li jien dejjem nafu magħluq. Lil dak it-tifel ma rajtux aktar, imma meta ddeskrivejtu lit-tfal, qaluli li kien jismu Wiġi. Meta mort il-Biblijoteka tal-Belt, fittixt ħafna fuq Villa Le Fevre fis-seklu 18 u fuq Wiġi, imma mhux li sirt naf wisq fuq il-villa, li ma kontx naf qabel u xejn dwar min seta' kien Wiġi meta kiber. Qisu kollox ried jibqa' misteru, bħal dakinhar, ġol-kesħa bi dwiefer twal li giref bihom Jannar ...

L-għada ppruvajt nistenna lil Wiġi fil-bidu ta' Sqaq Brittaniku, forsi nerġa' mmur ngħallem (imma fil-verità nkun student) fl-iskola f'Villa Le Fevre, imma Wiġi ma tfaċċax. Però donni rajt il-qtates ikellmuni b'għajnejhom. Qabdu mexjin u jien segwejthom.

Ħabbatt fuq dak il-bieb goff u fetaħli s-seklu 18. Il-qtates kienu ġa daħlu. Smajt leħen is-Surmast isejjaħli.

"Għaġġel, Sur Grech. Skont il-polka tiegħi, daqt idoqq l-Angelus. Iġbor liċ-ċkejknin għat-talba."

Is-Sur Grech ħares minn tieqa kbira u ra li f'Ħal Tarxien kien hemm xi nisa għaddejjin fit-triq bil-faldetta. Dak il-ħin għajnejh marru fuq mara li hu kien jafha f'ritratt antik. Dik kienet in-nanna Wistina li rabbiet lilu, wara li missieru telaq lil ommu għax bidilha ma' mara oħra. U issa kollox kien ċar kristall. Dak it-tifel ma kien ħadd għajr Alwiġi Grech, dehra li ġiet iżżuru minn tfulitu, u għalhekk żaritu f'Jannar, sabiex tfakkru fis-sirda tal-imgħoddi.

Niżel jiġri t-taraġ bl-amment u hekk kif fetaħ il-bieb, għajjat: "Nanna Wistina, ieqaf, jien Alwiġi!"

Niżel l-għatba u n-nies bdew iħarsu lejh skantati, min kien sejjer jilgħab in-numri tal-lottu, min għall-gazzetta u min kien se jixtri l-laħam minn ħanut li fetaħ ftit ilu.